MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Numru 1/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Salvatore sive Silvio Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion li bih huwa gie akkuzat talli f'Bormla, nhar id-29 t'Ottubru, 1986, xi hin fil-ghaxija flimkien ma' persuni ohra, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Maria Stella Magrin f'periklu car, taha diversi daqqiet ta' strument jaqta' u bil-ponta u kkagunalha l-mewt;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta' serq jew hsara lil propjeta', kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta jew issekwestra lil Maria Stella Magrin kontra l-volonta’ taghha;

U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minn gewwa residenza numru 13, sitwata fi Triq Erin Serracino Inglott, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq li kien segwit ukoll bil-mewt ta’ Maria Stella Magrin, huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u bil-lok u li sar ghad-detriment ta’ l-imsemmija Maria Stella Magrin u/jew l-eredi taghha.

Il-kwistjoni li trid tigi deciza hi jekk l-imsemmi Salvatore sive Silvio Mangion kienx jew le fi stat ta’ genn skont il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt hawn fuq kif ukoll fil-prezent b’mod li minhabba fid-dimenzja tieghu dan ma jistax isegwi l-proceduri kontra tieghu.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Lulju, 2009 fejn l-imputat eccepixxa d-dimenzja tieghu kemm waqt l-allegat kommissjoni tar-reat u kif ukoll fil-prezent b’mod li minhabba fid-dimenzja tieghu dan ma jistax isegwi l-proceduri kontra tieghu.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, bi tmien (8) voti favur u b’vot wiehed (1) kontra sabu li l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion ma kienx fi stat ta’ genn skond il-ligi fil-mument li sehhew l-allegati reati deskritti fl-imputazzjonijiet, u b’seba` (7) voti favur u b’zewg (2) voti kontra jsibu li Salvatore sive Silvio Mangion mhux fi stat ta’ genn u ghalhekk jistghu ikomplu l-proceduri kontrih.

Tiddikjara ghalhekk li l-akkuzat Salvatore sive Silvio Mangion ma kienx fi stat ta’ genn skond il-ligi fil-mument li sehhew l-allegati reati deskritti fl-imputazzjonijiet, u tiddikjara ukoll li Salvatore sive Silvio Mangion mhux fi stat ta’ genn u ghalhekk jistghu ikomplu l-proceduri kontrih.

Il-Qorti tordna li b'effett minnufih jintbaghtu l-atti kollha tal-process flimkien ma' din is-sentenza lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex titkompla l-kumpilazzjoni fl-aktar data qrib possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------